MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Numru. 205/2001

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIA STELLA ATTARD**

**KONTRA**

**CARMELO SIVE LINO FARRUGIA ta’ 55 sena, iben Angelo u Carmela nee’ Scicluna, imwieled il-Furjana nhar is-16 ta’ Frar, 1955, residenti fil-fond Jarrow, Triq il-Frawli, Attard, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 174955M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **CARMELO SIVE LINO FARRUGIA** li gie akkuzat talli:

1. F’dawn il-Gzejjer, nhar l-24 ta’ Gunju, 1998 u fix-xhur ta’qabel, b’diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet

differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bhala l-proprjetarju jew konsumatur ta' bini li kien ghadu qed jinbena, go Sacred Heart Promenade, Birzebbuga, b'mezzi qarrieqa kkommetta serq ta' ilma tax-xorb mill-kamra tal-ilma li kienet imqabbda direttament mal-mains ta' l-ilma u li qabilha ma kien hemm l-ebda meter biex jirregistra l-konsum, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur ta' Lm401.50 ghad-dannu tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll illi fl-interrogatorju (folio 6), l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza trattat dwar sejba ta' pipe fuq lant ta' kostruzzjoni, liema pipe, kif irrizulta mix-xhieda tal-ufficjali tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, ma kienx qieghed jirregistra konsum stante li dan ma kienx imqabbad ma' meter approprju. Jirrizulta fil-fatt mix-xhieda ta' dawn l-impjegati li kien hemm anke tankijiet mimlija bl-ilma. Fuq il-lant tax-xoghol kien hemm prezenti diversi haddiema, fosthom Sqallin. Jirrizulta wkoll illi wiehed mill-haddiema tal-garr ta' l-irham, aktar tard anke ra lill-imputat fuq il-post tal-kostruzzjoni.

Jirrizulta wkoll mir-relazzjoni ta' William Cassar Torreggiani li sid il-fond in kwistjoni kien l-imputat, pero minn dan il-fatt, ghalkemm rizultanti mill-konkluzjonijiet tal-espert imsemmi bhala fatt, imkien din il-Qorti ma ssib ebda konfort ta' kif u minn fejn dan il-fatt jirrizulta. Lanqas

ma jirrizulta xejn dwar dan mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni.

In vista' ta' hekk din il-Qorti ma thossx li tista' tasal sal-grad ta' prova li trid il-Ligi dwar l-involviment ta' l-imputat f'dan ir-reat;
Qieghda ghaldaqstant tillibera lill-istess Carmel sive Lino Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------